

# NAWFRAĠJU SIMILI GĦAL DAK TA' SAN PAWL

Pajjiżna hu mogħni b'bosta rakkonti marittimi u arkeoloġiċi li jaffaxxinaw lill-kbar u liż-żgħar. Huma jiftħulna beraħ il-bibien u t-twieqi fuq il-passat tal-antenati tagħna u jqegħdulna quddiemna l-mera tagħna nfusna, biex inkunu nafu aktar fuq pajjiżna u fuq dak kollu li sawwarna. Fl-intervista tal-lum, Patri Eugene P. Teuma O.F.M Conv. idewwaqna togħmiet storiċi minn dak li studja u sab hu stess fiż-żewġ taqsimiet.

Minn **CHARLES B. SPITERI**

**Fr Eugene, f'dak li għandu x'jaqsam mal-marittimu, x'hemm x'tgħidilna?**

Insemmilek każ ta' nawfraġju li seħħ fl-1810, li jixbah ferm lir-rakkont ta' San Pawl, li nsibu fil-Bibbja. Mhux hekk biss, talli dan il-bastiment Ingliż, bl-isem ta' HMS Lively, kellu prattikament l-istess qisien u ekwipaġġ (fuq il-282 ruħ) bħalma nsibu li kien hemm fuq dak ta' San Pawl. Dan il-bastiment, li kien ġej Malta f'operazzjoni ta' konvoj, weħel fuq is-sikka ta' fuq, finnaħa ta' barra tal-Qawra.

**Kif irriżulta dan il-każ?**

Kienet lejla ta' jum maltemp fl-10 ta' Awwissu. Il-kaptan tal-bastiment, li kellu jdaħħlu fil-port tal-Belt, irtira minn fuq il-gverta, u ta' warajh ħa t-tmexxija f'idejh. F'xi ħin, dan ra dawl mixgħul; li aktarx kien dak li kien hemm fuq it-Torri ta' Wignacourt, f'San Pawl il-Baħar u ħasbu lanterna.

Għalhekk dawwar il-bastiment lejn id-dawl għax ħaseb li kien id-dawl ta' port. Minħabba dan il-każ li rriżultalhom f'telf ta' bastiment mill-aqwa li kellhom, l-Ingliżi ressqu lill-kaptan quddiem Qorti Marzjali, iżda naturalment ma weħel ħadd, għax għalihom l-inħawi kienu għadhom ġodda.

**Xi nsibu rappurtat fuq dan in-nawfraġju?**

Hekk kif il-kaptan qaċċat l-arbli tal-bastiment biex iżommu stabbli, l-ekwipaġġ niżżel id-dgħajjes tas-salvataġġ u l-kurrenti wassluhom preċiż taħt is-Sirens, jew it-Torri ta' Wignacourt. Dan l-inkaljar sar b'dinamika simili għal dak li nsibu fl-Atti tal-Appostli.

L-Ingliżi għamlu minn kollox biex jirkupraw il-bastiment. Battluh minn kulma kien fadallu fuqu, iżda mbagħad, peress li raw li l-majjistra (keel) inqasmet min-nofs, abbandunawh fil-post.

**Kien hemm min induna b'dak li ġara?**

Mhux mill-ewwel, għax it-toroq bejn il-Belt u San Pawl il-Baħar ma kinux jeżistu. Iżda kif l-Ingliżi saru jafu b'dak li kien ġara, bagħtu dgħajjes bit-tined u l-ikel, għax sakemm inġabar u twarrab minn hemm, l-ekwipaġġ kellu joqgħod jistenna għal xi ġimgħa, sa ma kien organizzat trasport bil-baħar għalihom.

**Iżda l-ekwipaġġ tal-HMS Lively niżel ukoll fejn niżel dak ta' San Pawl?**

Inkredibbli, għax jekk wieħed iħares fuq il-baħar lejn il-Qawra u San Pawl il-Baħar, l-iktar parti mkennija hi l-arja bejn il-kappella ta' San Pawl tal-Ħġejjeġ u t-Torri ta' Wignacourt. Postijiet oħra fil-Qawra huma esposti ferm u ma tistax, pereżempju, tqabbad nar.

**Iżda nistgħu ngħidu li hi ripetizzjoni tal-ġrajja ta' San Pawl?**

Ejja ngħidu li hi simili ħafna. Meta kont qed nagħmel riċerka fuq dan in-nawfragu, ġew f'idejja l-pjanti tal-kurrenti tal-baħar li l-Ingliżi għamlu fl-1859. Dawn għamluhom għax kienu qed jitolbu stima ta' kif kienet tiffunzjona l-ekonomija tal-pajjiż, speċjalment dik tal-qoton u l-proċess tat-tunnari, għax il-binja tat-tunnara kienet fil-Mellieħa, iżda s-sajd għall-qbid tat-tonn ma kienx isir hemm. Kien isir qrib il-gżejjer ta' Selmun għax hemm mappa dettaljata ħafna, li turi li l-kurrenti f'San Pawl il-Baħar iduru lejn il-lemin (clockwise), jiġifieri jaħbtu ma' Ras il-Qawra, jidħlu 'l ġewwa, jibqgħu neżlin sa ħdejn l-Għażżelin u mbagħad iduru 'l fuq u jerġgħu joħorġu minn ħdejn il-gżejjer ta' Selmun.

Tant hu hekk li n-nases il-kbar li kienu jniżżlu biex jaqbdu t-tonn, kienu preċiż fejn kien hemm il-fish farm ta' San Pawl il-Baħar, ftit taż-żmien ilu.

Importanti jingħad li kull min jiġi f'diffikultà fil-baħar fuq in-naħa tal-Qawra, il-kurrenti jiġbduh 'il ġewwa, waqt li jekk ikun lejn il-gżejjer ta' Selmun, jitfgħuh 'il barra.

L-Atti tal-Appostli jitkellmu ċar. Isemmu li l-bastiment "kien imwaħħal fuq is-sikka, in-nies qabżu l-baħar u bdew jgħumu. Min ma kienx jaf jgħum, qabad ma' injama u ħalla l-kurrent imexxih." Jiġifieri jekk qed nitkellmu fuq is-sit ta' San Pawl il-Baħar proprju, jagħmel ħafna sens li l-ponta tal-Qawra hi l-punt fejn seta' kien hemm in-nawfraġju. U hu interessanti li meta jitkellem mid-diviżjoni tal-baħar, il-ponta tal-Qawra tissepara żewġ bajjiet kbar.

Ma ninsewx li Burmarrad kien differenti ħafna. Kien hemm port li jibqa' dieħel sa taħt il-Victoria Lines, u nsibu wkoll fatturi arkeoloġiċi li wkoll jikkonfermaw li l-port kien jibqa' dieħel s'hemm ġew.

**Dawn jidhirli li jissemmew f'xi kitbiet ta' Timmy Gambin (Arkeologu Marittimu) u Godfrey Wettinger (Riċerkatur) ukoll, hux?**

Iva, Timmy Gambin isemmi u jgħid li kien hemm Portolan, li jsemmi li sal-1460 kienu għadhom jidħlu l-bastimenti sa taħt il-kappella ta' San Pawl Milqi u jankraw hemmhekk. Terġa' l-port tal-Imdina kien Burmarrad u fil-fatt għandna ittra ta' Kaptan, fejn qed jgħarraf lill-Università, li kien ilu ġimgħa jistenna l-merkanzija, u jekk ma joħduhielux mill-aktar fis, ikollu jsalpa. Hu jindika wkoll lil Burmarrad bħala l-post fejn jinsab ankrat bil-bastiment.

Minbarra hekk, il-Portolan jgħid li meta wieħed jidħol fl-ambjent ta' Burmarrad, irid joqgħod attent għax hemm sikek magħmulin minn materjal iswed, bħal ħama, li jekk bastiment jidħol fih ma jkun hemm xejn x'tista' tagħmel biex

> "Meta kont qed nagħmel riċerka fuq dan in-nawfragu, ġew f'idejja l-pjanti tal-kurrenti tal-baħar li l-Ingliżi għamlu fl-1859. Dawn għamluhom għax kienu qed jitolbu stima ta' kif kienet tiffunzjona l-ekonomija tal-pajjiż

taqilgħu minn postu.

Min-naħa tiegħu Godfrey Wettinger, minn dokumentazzjoni notarili, kien ta diċitura fuq art in-naħat ta' Burmarrad jew Benwarrad (li sal-lum għadna ma nafux liema hi jew fejn qiegħda) bħala Ħerbet l-Imrieķeb; u mhux fis-singular, mirkeb jew bastiment, iżda ħafna. Dan kollu jikkorrispondi ma' dak li kien qal il-Portolan.

**U dan il-port ta' Burmarrad minn kemm kien ilu jiffunzjona?**

Żgur li minn żmien ir-Rumani, għax fuq naħa hemm il-villa li minnha kienu qed jipproduċu ż-żejt taż-żebbuġa.

**Jiġifieri fejn kien jgħix Publiju meta San Pawl wasal Malta?**

Iva, fejn jgħidu li kien hemm Publiju, għax mill-arkeoloġija jidher li fl-ewwel seklu wara Kristu, il-villa kienet ħadet in-nar u xi kmamar biss kienu għadhom jintużaw minnha. Biss, in-naħa tas-Salini, xi snin ilu u m'ilhiex iddokumentata ħafna, instabet struttura kbira, fejn illum hemm blokk ta' appartamenti, li jħares fuq is-Salini.

Meta studjajtha, sibt li kienet speċi ta' fortizza. Għ skavata mid-Dipartiment tal-Arkeoloġija u forsi tinsab 100 metru minn dawk li huma magħrufa bħala l-famużi Katakombi tas-Salini. Għax snin ilu, meta kont qed nistudja l-katakombi, kont ngħid li la hemm dak in-numru ta' katakombi, bilfors ried ikun hemm villa, villaġġ, jew strutturi fil-viċinanza.

Xi ħaġa li nafu fiż-żgur hi li hemmhekk kienu qed jaqtgħu il-ġebel, għax il-katakombi huma maqtugħin f'barrieri li huma eqdem minnhom. Aktarx li dan il-ġebel maqtugħ hawn, kien jiġi mgħobbi fuq ċattri/bastimenti fil-port u mbagħad esportat. Hawnhekk qed nitkellmu fil-perjodu Ruman u għalhekk malajr nifhmu l-bżonn tar-Rumani li jżommu l-port miftuħ, għax huma kellhom diġà dredgers biex ma jħallux qiegħ il-baħar jitħammeġ.

**Minn dak iż-żmien għal żmien l-Ingliżi. Għaliex ħaduha daqshekk bi kbira t-telfa tal-Lively?**

Dak il-bastiment kien frejgata, armata b'36 kanun. Kien wieħed mill-aktar rinomati u fuqu kellu ekwipaġġ li kien ikkunsidrat speċjalizzat.

Interessanti jingħad li meta Spanja alleat ruħha ma' Napuljun, dan kien talabhom somma enormi ta' flus biex juru li huma l-alleati tiegħu. Issa, il-flus mitluba kienu mgħobbija fuq erba' frejgati Spanjoli mill-Amerka t'Isfel. L-Ingliżi saru jafu b'dik il-missjoni u bagħtu erba' frejgati minn tagħhom, inkluż l-HMS Lively biex jinterċettawhom.

Issa l-frejgati Spanjoli u Franċiżi kienu jimmanuvraw b'mod inkredibbli. Tal-Ingliżi kienu tqal, għalkemm kienu jifilħu aktar għall-isparar. Li ġara kien li l-HMS Lively kienet għadha kif inbniet fl-1804, fuq mudell speċjali u fil-ġirja wara dawn il-frejgati, hi qabżet lil kulħadd, tant li spiċċat tiġġieled weħidha kontra l-erba' frejgati Spanjoli, għax l-oħrajn kienu għadhom ġejjin. Irnexxielha żżommhom u laqtet lill-frejgata prinċipali, li kienet qed iġġorr it-teżor, fil-porvlista u splodiet. Il-flus, f'boroż tal-ġilda spiċċaw f'qiegħ il-baħar, iżda aktar tard dawn ġew rikoverati biss matul is-seklu 21.

**L-attakk fejn kien sar, qrib Spanja?**

L-attakk kien sar viċin il-port ta' Cadiz. Rigward il-Blata ta' Ġibilterra, din kienet f'idejn l-Ispanjoli. Kien biss wara l-gwerer Napoleoniċi li din għaddiet f'idejn l-Ingliżi. Dan ġara għax imbagħad, billi Spanja alleat ruħha mal-Ingilterra u l-Ingliżi ħallsulhom mijiet ta' miljuni fil-gwerra kontra Napuljun, ir-Re ta' Spanja, li ma kellux biex iħallas lura, offrielhom Ġibilterra bħala ħlas.

**Allura kif kienet meqjusa l-HMS Lively?**

Għall-Ingliżi kienet imħarsa bħala xi ħaġa speċjali u għalhekk fi ftit snin inbnew numru ieħor bħalha. Aspett ieħor interessanti tal-Lively hu li William Henry Smyth, li għamel il-mapep ta' Malta, tal-Mediterran, tal-Ingilterra u l-Irlanda, fl-1814 għamel studju tal-Gżejjer Maltin b'mod partikolari l-port ta' San Pawl il-Baħar, għax kienu qed jikkunsidrawh bħala port navali; il-port tal-Belt u dak ta' Marsaxlokk. Interessanti li fil-mappa, stampata fis-sena 1824 m'hemm l-ebda traċċa ta' dan il-bastiment li weħel fuq is-sikka tal-Qawra.

Issa, meta l-bastiment tal-injam tneħħilu l-kanuni, l-apparat tal-ħadid u s-savorra, jeħfief u jitla' fil-wiċċ. Id-dokument tal-Qorti Marzjali jsemmi wkoll li dak li l-Ingliżi setgħu jirkupraw, irkupraw.

Interessanti li fil-mappa ta' William Henry Smyth, taħt il-preċipizzju ta' Selmun, niżżel nota li taqra: 'shipwreck' u jirreferi għaliha bħala St. Paul's Shipwreck, meta fil-fatt aktarx ried jgħid St. Paul's Bay Shipwreck. Iżda għamilha fil-qasir u ħafna interpretawha bħala li kien il-post fejn inkalja l-bastiment ta' San Pawl. Probabbli li nies fid-dawra, indikaw dan ir-relitt bħala dak ta' San Pawl.

Possibbli li wara ħames snin, l-HMS Lively żelqet minn fuq is-sikka, u daħlet fil-Bajja ta' San Pawl il-Baħar imkaxkra mill-kurrent clockwise, imsemmi qabel. Eventwalment, minn taħt Selmun ħarġet 'il barra mill-bajja.




Il-mapep ta' Smyth tant kienu preċiżi, li n-Navy Ingliża, baqgħet tużahom sal-1969.

**Jekk dan il-bastiment ħareġ 'il barra, dak ta' San Pawl, li bla dubju kien eħfef, x'sar minnu?**

Iva, kien eħfef u jaf spiċċa ħareġ 'il barra bl-istess mod, tant li qatt ma nstab xejn mill-injam tiegħu. Iżda x-xhieda li hemm fuq San Pawl hi dik il-famuża ankra ta' kważi erba' metri u tiżen tliet tunnellati, li nstabet fil-ponta tal-Qawra. Din kienet ittellgħet mill-RAF Ingliża. Illum tinsab fil-Mużew Marittimu.

**Kif kienu indunaw bl-ankri?**

Kien sabhom Commodore Scicluna, li kien wieħed mill-ewwel Maltin li kien jogħdos u ddokumenta madwar 13-il sit ta' bastimenti li nkaljaw, speċjalment fl-inħawi tal-Qawra. Fihom instabu munzelli ta' fuħħar, li naturalment jistgħu jindikaw bastimenti mgħarrqin. Barra minn hekk, kien hu li sab ukoll kwantità ta' ankri f'qiegħ il-baħar.

**U kif kienu jindunaw li dawk li jsibu, ikunu ankri Rumani?**

Għax il-parti ta' fuq, madwar wieħed minn tlieta tat-tul, kienet tkun magħmula miċ-ċomb. Dik li nstabet fil-ponta tal-Qawra kienet f'tul ta' tliet metri u nofs u hi biss il-parti ta' fuq u l-parti tal-injam kienet tkun ta' madwar 10 sa 12-il metru tul. Il-bastimenti Rumani tal-merkanzija jew trasport, rari kienu jaqbżu t-12-il metru, għax huma ma kinux magħrufa bħala speċjalisti fuq il-baħar.

Ħaġa interessanti wkoll hi li l-Atti tal-Appostli jsemmu li l-bastiment tal-qamħ kien iġorr sitt ankri, li erbgħa minnhom inxteħtu l-baħar. U l-ankra tal-Qawra hi l-akbar waħda li qatt instabet tal-perjodu Ruman fid-dinja. Għax terġa' u tgħid iċ-ċomb għandu vantaġġ, li jibqa' ppriservat, mhux bħall-injam, li jitmermer.

Biex jinstabu l-ankri l-oħra, wieħed irid jikkalkula sew il-livell tal-baħar, peress li minn żmien San Pawl lil hawn, dan għola b'xi tliet metri u nofs.

**Jiġifieri bħala art, Malta qed 'togħdos'?**

La jogħla l-baħar, jirkeb fuq l-art. Hu għalhekk li ħdejn is-Sirens, dawk it-toqob li jirreferu għalihom bħala l-banjijiet, nafu li kienu l-hypocaustum, li kienet il-parti mnejn tiċċirkola l-arja sħuna ta' banjijiet Rumani, u mhux fejn tinżel tgħum.

Ħaġa oħra interessanti ferm hi s-Salina ta' Buġibba, fejn il-kelma Buġibba tfisser 'missier il-ġwiebi', għax bl-Għarbi, 'ġibba' tfisser 'ġiebja'. Sfortunatament, dawn ġarrbu ħafna ħsarat. Bla dubju saru fil-perjodu Ruman u żgur li ma għamlux proġett bħal dak biex jispiċċa fil-livell tal-baħar. Jiġifieri, il-livell tal-baħar hemm, għola wkoll. Is-salini jridu almenu tliet metri għoli 'l fuq mill-baħar biex jiffunzjonaw kif suppost.

**Hi storja interessanti għax l-ekwipaġġ tal-HMS Lively kollu salva, hux hekk?**

Iva, ħadd ma tilef ħajtu u minn dak li rrakkuntaw, jgħidu li "mxejna xi kilometru mal-kurrent u sibna ruħna taħt kastell." Ovvjament, il-kastell kien it-Torri Wignacourt.

**Mill-Qorti Marzjali x'irriżulta?**

Kollox miet fuq ommu, għax l-Ingliżi fehmu li billi kienu nħawi ġodda għalihom, il-fatt li raw dawl, kien interpretat bħala lighthouse u dak iż-żmien ma kellhomx mapep preċiżi tal-inħawi. Dawn bdew isiru minn William Henry Smyth fl-1814, u probabbilment għalhekk bagħtuh. Madankollu, wara li spiċċa ħidmietu, insibu li l-ewwel kopja tal-mapep ħarġet fl-1824. Tajjeb ngħid li kollezzjoni kompleta ta' dawn il-mapep tinsab fl-Arkivju tal-Mużew tal-Wignacourt, ir-Rabat (Malta). Kopja diġitali teżisti fl-Arkivju Nazzjonali, f'Santu Spirtu, ir-Rabat (Malta).

> **"Interessanti li fil-mappa ta' William Henry Smyth, taħt il-preċipizzju ta' Selmun, niżżel nota li taqra: 'shipwreck' u jirreferi għaliha bħala St. Paul's Shipwreck, meta fil-fatt aktarx ried jgħid St. Paul's Bay Shipwreck**